MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 3/2005

It-Tribunal;

Permezz tal-avviz tat-talba tieghu, l-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ tlett mija u tnax-il lira Maltin u sittin centezmu ( Lm 312.60) rapprezentanti s-sehem tieghu mill-ispejjes tal-kawza “Joseph Portelli vs Paul Portelli et” Citazzjoni Numru 29/91 decza fl-ewwel (1) ta’ Dicembru 2000 u sussugwentament fl-appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Marzu 2004 u dana skond taxxi ufficjali rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti, (Dok A u B) inkluz il-VAT, liema ammont gia’ thallas mill-attur ghan-nom tal-konvenut.

Il-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta’ l-ittra ufficjali spedita f’ Dicembru 2004 u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Il-konvenut baqa’ kontumaci.

It-Talba tal-attur giet ippruvata permezz tal-provi minnu mressqa. Din il-kawza qieghdha tinstama’ flimkien ma’ kawzi ohrajn bl-istess mertu, fosthom *Paul Portelli vs Rita Portelli (Avviz Nru 8/2005)* deciza llum. Skond il-kalkoli matematici maghmula f’dik is-sentenza, u ghar-ragunijiet ivi dedotti, il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm329.46c9 li hija oghla mill-ammont mitlub fl-istanti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas Lm312.60 b’dan illi l-imghax legali jiddekorri biss mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------